MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1714/2004

**Josianne Vidal**

**vs**

**Henry Portelli**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Settembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tnejn u sebghin Lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm672.13), rapprezentanti Danni likwidati, liema Danni gew kagunati mill-konvenut fil-vettura ta' l-attrici bin-numru JOS-118 f'incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' Gunju, 2004 f'Anglu Mallia Street, Birkirkara, waqt li l-konvenut kien qieghed isuq**

**vettura CBF-804, u ghall liema incident il-konvenut huwa unikament responsabbli.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax mill-4 ta' Gunju, 2004, inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju, 2004.**

**Ra r-risposta prezentata fit-28 ta' Ottubru, 2004, fejn intqal;**
**i. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici, u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort ta' Josianne Vidal, minaba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**ii. Illi inoltre l-ammont mitlub mill-attrici huwa eccessiv u ghandu jigi ppruvat permezz ta' dokumenti u xhieda appositi.**
**iii. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Josianne Vidal, W160 Patrick Attard, Henry Portelli, Andrew Gauci u Henry Vidal. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-disfensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**
**Ikkunsidra:**
**1. Il-kawza tirrigwarda kollizzjoni illi sehhet fl-4 ta' Gunju, 2004, ghal habta tas-2.30p.m. f'Anglo Mallia Street, B'Kara bejn il-vettura JOS-118 proprjeta' ta' l-attrici Josianne Vidal u l-vettura CBF-804 misjuq mill-konvenut Henry Portelli.**
**2. L-attrici kienet qed isuq fit-Triq Injazio Saverio, B'Kara, waslet fuq stop sign u waqfet. Harset, rat li ma hu gejn xejn u harget, u f'salt rat lill-konvenut ma wicca, li kien ser jibqa nizel fejn hemm indikat no entry. Tghid illi l-konvenut kien nizel kontra l-one way. L-attrici kellha hsara fuq quddiem kollu. L-attrici tghid illi l-konvenut ma zammx brake. Tghid ukoll illi maghha kellha t-tifla li kienet fuq wara u bid-daqqa spiccat quddiem.**
**3. Il-konvenut jaqbel illi kien nizel Triq Anglu Mallia u jaqbel ukoll illi ghadda bicca kontra l-one way. Huwa jispjega li kif irrejalizza li kien qieghed hazin**

**mar biex idur lejn ix-xellug, biex jidhol fit-Triq Injazio Saverio. Il-konvenut jghid li fil-mument tal-impatt, l-attrici kienet qed thares lejn it-tarbija li kellha fil-karozza.**

**4. Il-konvenut tella bhala xhud lil Andrew Gauci, illi dak iz-zmien kien lavrant mieghu u kien rikeb mieghu. Skond l-istess xhud raw il-karozza l-ohra gejja mill-lemin u min kien qed isuq ma kienx qed ihares lejn it-triq u ma waqfitx fuq lis-stop sign. Huma ntlaqtu fuq ir-rota ta' wara u bid-daqqa dahru.**

**5. Jirrizulta illi l-attrici kienet fuq stop sign u waqfet u harget u habtet mal-vettura tal-konvenut li kienet ghaddeja kontra l-one way. It-Tribunal, huwa tal fehma illi l-konvenut meta sabruhu kontra l-one way riedt jara kif ser jaghmel biex johrog minn din is-sitwazzjoni u kien aktar intiz li jaghmel hekk milli joqod attent ghat-traffiku li kien hemm. Ghalhekk it-tort principali tal-incident huwa tal-konvenut u lunika tort illi t-Tribunal isib fl-attrici kien il-fatt illi din ma kienetx qed tipresta l-attenzzjoni kollha ghal vetturi li ghaddejin minhaba t-tarbija li kellha maghha.**

**6. Ghalhekk fic-cirkostanzi t-Tribunal, qed isib lil-konvenut responsabbli fi grad ta' erba' kwinti u lill-attrici responsabbli fil-grad ta' kwint.**

**7. Id-danni reklamati jirrizultaw mid-dokumenti Dok JV1 sa Dok JV5. B'dana pero' illi skond id-Dok LC1 jirrizulta illi s-surveyor kien awtorizza non original bumper filwaqt illi tpogga bumper originali, f'dan il-kuntest il-bumper gdid jiswa mija sebgha u ghoxrin lira u tmien centezmi (Lm127.08c) filwaqt illi t-Tribunal qed jikkoncedi biss disghin lira Maltija fir-rigward (Lm90.00c), u dana nonostante dak li qed jghid Henry Vidal dwar il-bumper, anke in vista tal-fatt li l-vettura giet manifatturata fl-1995.**

**8. Ghalhekk l-ammont ta' danni qed jigi likwidat fis-somma ta' sitt mija hamsa u tletin lira Maltija u hames centezmu (Lm635.053c). Tenut kont illi l-konvenut kien responsabbli fil-grad ta' erba' kwinti jigi illi l-konvneut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' hames mija u tmien lira Maltija u erba' centezmi (Lm508.04c).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jsib lill-konvenut responsabbli fi grad ta’ erba’ kwinti ghall-incident li sehh, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ hames mija u tmien lira Maltija u erba’ centezmi (Lm508.04c) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-lum.**
**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwnatu ghall-erba’ kwinti mill-konvenut u kwint mill-attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------